# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1533

## tat-12 ta' Ottubru 2018

## li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-alġinat tas-sodju bħala addittiv fl-għalf għall-qtates, għall-klieb, għal annimali oħra li ma jipproduċux ikel u għall-ħut u tal-alġinat tal-potassju bħala addittiv fl-għalf għall-qtates u għall-klieb

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni.

(2) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-alġinat tal-potassju.

(3) L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-addittivi awtorizzati skont id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE ([2]). L-alġinat tas-sodju kien awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien bid-Direttiva 70/524/KEE bħala addittiv fl-għalf għall-ħut, għall-annimali domestiċi u għal annimali oħra li ma jipproduċux ikel. Dan l-addittiv wara ddaħħal fir-Reġistru tal-addittivi fl-għalf bħala prodott eżistenti, b'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(4) Skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 b'mod konġunt mal-Artikolu 7 tiegħu, tressqet applikazzjoni għall-evalwazzjoni mill-ġdid tal-alġinat tas-sodju bħala addittiv fl-għalf għall-annimali domestiċi u għal annimali oħra li ma jipproduċux ikel u għall-ħut.

(5) L-applikazzjonijiet jikkonċernaw l-awtorizzazzjoni tal-alġinat tal-potassju bħala addittiv fl-għalf għall-qtates u għall-klieb, u tal-alġinat tas-sodju bħala addittiv fl-għalf għall-qtates, għall-klieb, u għal annimali u ħut oħrajn li ma jipproduċux ikel, li jridu jiġu kklassifikati fil-kategorija tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi". Ma' dawk l-applikazzjonijiet intbagħtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(6) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet fl-opinjoni tagħha tal-5 ta' Lulju 2017 ([3]) li, skont il-kundizzjonijiet proposti tal-użu, l-alġinat tal-potassju u l-alġinat tas-sodju m'għandhomx effett negattiv fuq is-saħħa tal-annimali, fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent. L-awtorità kkonkludiet ukoll li l-alġinat tal-potassju u l-alġinat tas-sodju kkonċernati huma effettivi bħala stabilizzanti, sustanzi li jgħaqqdu, aġenti li jgħaqqdu u sustanzi li jorbtu. L-Awtorità ma tqisx li hemm bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi għas-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq. Ivverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittiv fl-għalf, fl-għalf li ġie ppreżentat mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(7) Il-valutazzjoni tal-addittivi kkonċernati turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Konsegwentement, jenħtieġ li l-użu ta' dawn l-addittivi jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Awtorizzazzjoni**

L-addittivi speċifikati fl-Anness, li huma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi teknoloġiċi" u mill-grupp funzjonali "stabilizzanti" u "sustanzi li jgħaqqdu", "aġenti li jgħaqqdu" u "sustanzi li jorbtu", huma awtorizzati bħala addittivi fin-nutrizzjoni tal-annimali, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tirrigwarda addittivi f'għalf għall-bhejjem (ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1).
([3]) *EFSA Journal* 2017; 15(7):4945.

*Artikolu 2*

**Miżuri tranżizzjonali**

L-alġinat tas-sodju speċifikat fl-Anness u t-taħlitiet lesti minn qabel li jkun fihom dak l-addittiv, li jiġu prodotti u ttikkettati qabel l-4 ta' Mejju 2019 skont ir-regoli applikabbli qabel l-4 ta' Novembru 2018 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.

L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li jkun fihom l-alġinat tas-sodju speċifikati fl-Anness u li jiġu prodotti u tikkettati qabel l-4 ta' Novembru 2019 b'konformità mar-regoli applikabbli qabel l-4 ta' Novembru 2018 jistgħu jibqgħu jiġu introdotti fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti diment li dawn ikunu maħsuba għall-annimali li jipproduċu l-ikel.

L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li jkun fihom is-sustanzi speċifikati fl-Anness u li jiġu prodotti u tikkettati qabel l-4 ta' Novembru 2020 b'konformità mar-regoli applikabbli qabel l-4 ta' Novembru 2018 jistgħu jibqgħu jiġu introdotti fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti diment li dawn ikunu maħsuba għall-annimali li ma jipproduċux ikel.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ottubru 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

| Numru tal-identifikazzjoni tal-addittiv | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħrajn | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | mg tal-addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| **Addittivi teknoloġiċi: stabbilizzaturi** | | | | | | | | |
| 1d401 | Alġinat tas-sodju | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Alġinat tas-sodju<br>Fil-forma ta' trab<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Alġinat tas-sodju (≥ 90,8 %)<br>$(C_6H_7NaO_6)n$<br>*Metodu analitiku* [1]<br>Għall-identifikazzjoni tal-alġinat tas-sodju fl-addittiv tal-għalf: The sodium alginate monograph, FAO JECFA Combined Compendium of Food Additive Specifications — Monograph No 1 (2006) | Qtates u klieb | — | — | 35 200 | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana.<br>2. It-taħlita ta' sorsi differenti ta' alġinati ma għandhiex taqbeż il-kontenut massimu awtorizzat fl-għalf komplet.<br>3. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa għall-minimu bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat ta' protezzjoni personali, inkluż il-protezzjoni tan-nifs. | l-4 ta' Novembru 2028 |
| | | | Annimali oħra li ma jipproduċux ikel<br>Ħut | — | — | — | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana.<br>2. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa għall-minimu bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat ta' protezzjoni personali, inkluż il-protezzjoni tan-nifs. | |

| Numru tal-identifikazzjoni tal-addittiv | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħrajn | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | mg tal-addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| 1d402 | Alġinat tal-potassju | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Alġinat tal-potassju<br>Fil-forma ta' trab<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Alġinat tal-potassju (≥ 89,2 %)<br>$(C_6H_7KO_6)n$<br>Nru CAS: 9005-36-1<br>*Metodu analitiku* (1)<br>Għall-identifikazzjoni tal-alġinat tal-potassju fl-addittiv tal-għalf: The potassium alginate monograph, FAO JECFA Combined Compendium of Food Additive Specifications — Monograph No 1 (2006) | Qtates u klieb | — | — | 35 200 | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana.<br>2. It-taħlita ta' sorsi differenti ta' alġinati ma għandhiex taqbeż il-kontenut massimu awtorizzat fl-għalf komplet.<br>3. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa għall-minimu bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat ta' protezzjoni personali, inkluż il-protezzjoni tan-nifs. | l-4 ta' Novembru 2028 |
| **Addittivi teknoloġiċi: aġenti li jgħaqqdu** | | | | | | | | |
| 1d401 | Alġinat tas-sodju | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Alġinat tas-sodju<br>Fil-forma ta' trab<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Alġinat tas-sodju (≥ 90,8 %)<br>$(C_6H_7NaO_6)n$<br>*Metodu analitiku* (1)<br>Għall-identifikazzjoni tal-alġinat tas-sodju fl-addittiv tal-għalf: The sodium alginate monograph, FAO JECFA Combined Compendium of Food Additive Specifications — Monograph No 1 (2006) | Qtates u klieb | — | — | 35 200 | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana.<br>2. It-taħlita ta' sorsi differenti ta' alġinati ma għandhiex taqbeż il-kontenut massimu awtorizzat fl-għalf komplet.<br>3. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa għall-minimu bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat ta' protezzjoni personali, inkluż il-protezzjoni tan-nifs. | l-4 ta' Novembru 2028 |

| Numru tal-identifikazzjoni tal-addittiv | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħrajn | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | mg tal-addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| | | | Annimali oħra li ma jipproduċux ikel<br>Ħut | — | — | — | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana.<br>2. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa għal-livell minimu bi proċeduri u miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir ta' protezzjoni personali, inkluż il-protezzjoni tan-nifs. | |
| 1d402 | Alġinat tal-potassju | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Alġinat tal-potassju<br>Fil-forma ta' trab<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Alġinat tal-potassju (≥ 89,2 %)<br>$(C_6H_7KO_6)n$<br>Nru CAS: 9005-36-1<br>*Metodu analitiku* [1]<br>Għall-identifikazzjoni tal-alġinat tal-potassju fl-addittiv tal-għalf: The potassium alginate monograph, FAO JECFA Combined Compendium of Food Additive Specifications — Monograph No 1 (2006) | Qtates u klieb | — | — | 35 200 | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana.<br>2. It-taħlita ta' sorsi differenti ta' alġinati ma għandhiex taqbeż il-kontenut massimu awtorizzat fl-għalf komplet.<br>3. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa għall-minimu bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat ta' protezzjoni personali, inkluż il-protezzjoni tan-nifs. | l-4 ta' Novembru 2028 |

| Numru tal-identifikazzjoni tal-addittiv | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħrajn | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | mg tal-addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| **L-additivi teknoloġiċi: aġenti li jgħaqqdu** | | | | | | | | |
| 1d401 | Alġinat tas-sodju | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Alġinat tas-sodju<br>Fil-forma ta' trab<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Alġinat tas-sodju (≥ 90,8 %)<br>$(C_6H_7NaO_6)n$<br>*Metodu analitiku* (1)<br>Għall-identifikazzjoni tal-alġinat tas-sodju fl-addittiv tal-għalf: The sodium alginate monograph, FAO JECFA Combined Compendium of Food Additive Specifications — Monograph No 1 (2006) | Qtates u klieb | — | — | 35 200 | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana.<br>2. It-taħlita ta' sorsi differenti ta' alġinati ma għandhiex taqbeż il-kontenut massimu awtorizzat fl-għalf komplet.<br>3. Għall-utenti tal-addittiv u tal-pretaħlitiet, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operazzjonali u l-miżuri organizzazzjonali sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa għall-minimu bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat ta' protezzjoni personali, inkluż il-protezzjoni tan-nifs. | l-4 ta' Novembru 2028 |
| | | | Annimali oħra li ma jipproduċux ikel<br>Ħut | — | — | — | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana.<br>2. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa għall-minimu bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat ta' protezzjoni personali, inkluż il-protezzjoni tan-nifs. | |

| Numru tal-identifikazzjoni tal-addittiv | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħrajn | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | mg tal-addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| 1d402 | Alġinat tal-potassju | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Alġinat tal-potassju<br>Fil-forma ta' trab<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Alġinat tal-potassju (≥ 89,2 %)<br>$(C_6H_7KO_6)n$<br>Nru CAS: 9005-36-1<br>*Metodu analitiku* (1)<br>Għall-identifikazzjoni tal-alġinat tal-potassju fl-addittiv tal-għalf: The potassium alginate monograph, FAO JECFA Combined Compendium of Food Additive Specifications — Monograph No. 1 (2006) | Qtates u klieb | — | — | 35 200 | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana.<br>2. It-taħlita ta' sorsi differenti ta' alġinati ma għandhiex taqbeż il-kontenut massimu awtorizzat fl-għalf komplet.<br>3. Għall-utenti tal-addittiv u tal-pretaħlitiet, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operazzjonali u l-miżuri organizzazzjonali sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa għall-minimu bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat ta' protezzjoni personali, inkluż il-protezzjoni tan-nifs. | l-4 ta' Novembru 2028 |
| **L-additivi teknoloġiċi: leganti** | | | | | | | | |
| 1d401 | Alġinat tas-sodju | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Alġinat tas-sodju<br>Fil-forma ta' trab<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Alġinat tas-sodju (≥ 90,8 %)<br>$(C_6H_7NaO_6)n$<br>*Metodu analitiku* (1)<br>Għall-identifikazzjoni tal-alġinat tas-sodju fl-addittiv tal-għalf: The sodium alginate monograph, FAO JECFA Combined Compendium of Food Additive Specifications — Monograph No 1 (2006) | Qtates u klieb | — | — | 35 200 | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana.<br>2. It-taħlita ta' sorsi differenti ta' alġinati ma għandhiex taqbeż il-kontenut massimu awtorizzat fl-għalf komplet.<br>3. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa għall-minimu bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat ta' protezzjoni personali, inkluż il-protezzjoni tan-nifs. | l-4 ta' Novembru 2028 |

| Numru tal-identifikazzjoni tal-addittiv | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħrajn | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | mg tal-addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| | | | Annimali oħra li ma jipproduċux ikel<br>Ħut | — | — | — | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana.<br>2. Għall-utenti tal-addittiv u tal-pretaħlitiet, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operazzjonali u l-miżuri organizzazzjonali sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa għall-minimu bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat ta' protezzjoni personali, inkluż il-protezzjoni tan-nifs. | |
| 1d402 | Alġinat tal-potassju | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Alġinat tal-potassju<br>Fil-forma ta' trab<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Alġinat tal-potassju (≥ 89,2 %)<br>$(C_6H_7KO_6)n$<br>Nru CAS: 9005-36-1<br>*Metodu analitiku* [1]<br>Għall-identifikazzjoni tal-alġinat tal-potassju fl-addittiv tal-għalf: The potassium alginate monograph, FAO JECFA Combined Compendium of Food Additive Specifications — Monograph No 1 (2006) | Qtates u klieb | — | — | 35 200 | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana.<br>2. It-taħlita ta' sorsi differenti ta' alġinati ma għandhiex taqbeż il-kontenut massimu awtorizzat fl-għalf komplet.<br>3. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa għall-minimu bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat ta' protezzjoni personali, inkluż il-protezzjoni tan-nifs. | l-4 ta' Novembru 2028 |

[1] Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports